

FTEHIM TA' COTONOU AKP-UE

**GRUPP TA' STATI AFRIKANI,
TAL-KARIBEW U TAL-PAĊIFIKU**

**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

Brussell, 30 ta' Settembru 2016

AKP/84/095/16

AKP-UE 2118/16

DEĊIŻJONI AKP-UE

Suġġett: Deċiżjoni Nru 4/2016 tal-Komitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-
30 ta' Settembru 2016 li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku
ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)

DEĊIŻJONI Nru 4/2016
TAL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE
tat-30 ta' Settembru 2016

li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv taċ-
Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)

IL-KUMITAT TAL-AMBAXXATURI AKP-UE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000¹, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005² u kif emendat it-tieni darba f'Ouagadougou fit-22 ta' Ġunju 2010³, u b'mod partikolari l-Artikolu 3(5) tal-Anness III tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni Nru 5/2013 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tas-7 ta' Novembru 2013 dwar l-Istatuti taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)⁴, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Anness tagħha;

¹ ĠU L 317, 15.12.2000, p. 3.

² Ftehim li jemenda l-Ftehim ta' Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000 (ĠU L 209, 11.8.2005, paġna 27).

³ Ftehim li jemenda għat-tieni darba l-ftehim ta' sħubija bejn il-Membri tal-grupp ta' Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku, minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra, iffirmit f'Cotonou fit-23 ta' Ġunju 2000, kif emendat għall-ewwel darba fil-Lussemburgu fil-25 ta' Ġunju 2005 (ĠU L 287, 4.11.2010, p. 3).

⁴ ĠU L 309, 19.11.2013, p. 50.

Billi:

- (1) L-Artikolu 5(4) tal-Istatuti taċ-ĊTA jipprevedi li l-membri tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA) għandhom jinħatru mill-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE f'konformità mal-proċeduri stabbiliti mill-Kumitat għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin, soġġetti għal reviżjoni ta' nofs it-term.
- (2) Skont id-Deċiżjoni Nru 1/2015 tal-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE tat-12 ta' Ottubru 2015 li taħtar membru tal-Bord Eżekuttiv taċ-Ċentru Tekniku ta' Kooperazzjoni Agrikola u Rurali (ĊTA)⁵, il-mandat ta' membru tal-Bord Eżekuttiv ser jiskadi fis-6 ta' Novembru 2016.
- (3) Skont l-Artikolu 95(1) tiegħu, il-Ftehim ta' Sħubija AKP-UE ser jiskadi fid-29 ta' Frar 2020. Għaldaqstant, jeħtieġ li jinħatar membru ġdid tal-Bord Eżekuttiv għall-perijodu li fadal qabel l-iskadenza tal-Ftehim,

⁵ ĠU L 278, 23.10.2015, p. 26.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-persuna li ġejja għandha tinħatar membru tal-Bord Eżekuttiv taċ-ĊTA:

– Is-Sinjura Frederike PRAASTERINK.

Artikolu 2

Bla ħsara għal kwalunkwe deċiżjoni sussegwenti li l-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE jista' jieħu fil-qafas tal-prerogattivi tiegħu, il-Bord Eżekuttiv taċ-ĊTA għandu jkun magħmul kif ġej:

– Is-Sinjura Frederike PRAASTERINK,

li l-mandat tagħha jiskadi fid-29 ta' Frar 2020, kif ukoll

– Il-Professur Baba Y. ABUBAKAR,

– Il-Professur Augusto Manuel CORREIA,

– Is-Sinjura Helena JOHANSSON,

– Dr Faustin R. KAMUZORA, u

– Il-Professur Clement K. SANKAT,

li l-mandat tagħhom jiskadi fis-6 ta' Novembru 2018.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, 30 ta' Settembru 2016

Għall-Kumitat tal-Ambaxxaturi AKP-UE

Il-President

Len Monica ISHMAEL
